**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 13 – 13 ta' Jannar 2016**

***Minuti tal-13 il- laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgha, 13 ta' Jannar, 2016 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 13. Il-laqgha bdiet fis-6:02 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Bartolo** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |

| | |
|---|---|
| **Skużat:** | **Hadd** |
| **Assenti:** | **Hadd** |
| **Pubbliku:** | **Hadd** |

| | | |
|---|---|---|
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

1. **<u>Approvazzjoni u Korrezzjoni tal-Minuti ta' Laqgha 13</u>**

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li xtaq li ssir korrezzjoni f'paragrafu 32 billi titnehha il-kelma 'impressjoni' u flokha issir 'informazzjoni'.

Is-Sindku Sarah Agius ipproponiet li l-minuti ta' Laqgha numru 12 jigu approvati, kif mressqa. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti.

Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Vernalise Bartolo, Clive Azzopardi, Chris Bongailas, Philip Said, Roderick Aquilina, Kevin Glynn, u George Cortis.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet:

Il-Minuti gew approvati ( 56 ).

2. **<u>Affarijiet li johorgu mill-Minuti</u>**

2.1 Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-Kunsill rcieva l-isponsor dwar Milied Zebbugi minghand SMW Cortis.

2.2 Il-leaflet li ser jinhareg mill-Kunsill li ssemma' fil-laqgha precedenti qieghed jigi mhejji.

2.3 Is-Sindku Sarah Agius qalet li kienet ghadha kif saret il-laqgha mal-Arcipriet fejn fiha giet diskussa r-relazzjoni bejn il-Kunsill u l-Knisja u kif din tista tigi mtejba.

2.4 Is-Sindku Sarah Agius qalet li ccekjat ma' TM dwar it-tabelli li kien ippropona li jsiru l-Kunsillier George Cortis. Ir-riposta mibghuta minn TM tghid li jkun ahjar li kieku nistennew ftit sakemm tigi mplimentata policy l-gdida dwar dan it-tip ta' riklamar.

2.5 Is-Sindku Sarah Agius qalet li kif wiehed jista jara ix-xoghol minn TM fi Triq Patri Pelagju u Triq Anthony Aquilina issa beda.

3. Korrispondenza

3.1 Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni ittra li rcevejna mill-Qrati dwar mandat ta' sekwestru kawzali li qed isir minn Media & Graphics. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera kollha li kwalunkwe spejjez legali tal-Qorti li ser ikun hemm ikunu jistghu jithallsu qabel il-laqgha li jmiss.

3.2 Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni talba li saret mill-Mosta Studio Cycling Club dwar tellieqa li ser issir fi Mdina Road fil-31 ta' Jannar 2016. Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu li ghandha tinhareg in-no objection bil-kundizzjoni li jibqa access ghall-bdiewa u ghal min irabbi xi bhejjem.

3.3 Is-Sindku Sarah Agius rceviet korrispondenza dwar kompetizzjoni tal-fotografija fejn kellhom jintbaghat ritratt. Gie deciz mill-Kunsill li jintuza r-ritratt ta' s-Sur Gerada li juri r-ritratt ta Bieb de Rohan.

3.4 Is-Sindku Sarah Agius pprezentat zewg kwotazzjoniet ghal zewg sleeping policemen li gew approvati minn TM li jsiru fi Triq Ganni Bonnici.

Il-kumpanija Renell ikkwotat il-prezz ta Eur2348, filwaqt li Raymond Calleja ikkwota l-prezz ta' Eur4560 ghaz-zewg sleeping policemen. Il-Vat hija dejjem inkluza.

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li tintaghzel il-kwotazzjoni ta' Eur2,348. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Din il-proposta giet approvata unanimament. (57).

3.5 Il-Vici-Sindku Alfred Grixti talab li ssir sleeping policeman fi Triq tal-Grazzja, minhabba li resident ghamel din it-talba mieghu.

3.6 Is-Sindku Sarah Agius pprezentat kwotazzjoni ghal distribution boxes li ghandhom jigu nstallati mal-arbli fejn ser jitwehlu l-cameras tal-bring-in-sites. Din il-kwotazzjoni tammonta ghal Eur1888 u giet prezentata mill-kuntrattur Micamed. Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li mmexxu b'din il-kwotazzjoni sabiexkemm jista jkun malajr jigu nstallati dawn il-camers mal-bring-in-sites. Hija giet sekondata mill-Vici Sindku Alfred Grixti. Din il-mozzjoni giet approvata unanimament.(58)

3.7 Is-Sindku Sarah Agius tkellmet dwar Triq l-Imghazel li kienet diga giet diskussa f'xi laqgha precedenti. Ghal darb'ohra hija regghet spjegat li t-traffiku ikun jista jidhol minn fejn Bieb de Rohan izda ma jistax johrog ghal Triq l-Imdina

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa ma jhossux ippreparat li jiehu decizjoni dwar Triq l-Imghazel f'dik il-laqgha partikolari minhabba li ma kinitx imnizzla fl-agenda.

Gie deciz li dan is-suggett jigi diskuss f'laqgha ohra.

3.8 Is-Sindku Sarah Agius qalet li tkelmet mas-CEO James Piscopo sabiex tinfurmah dwar il-problema tal-karozzi tal-linja u l-fatt li dawn hafna minnhom qed ikunu full-up u li ghal daqshekk ghandha tizdied il-frekwenza.

**4.** Performance Bonus

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat rapporti dwar il-haddiema tal-kunsill u l-performance taghhom tul is-sena 2015. Waqt din il-prezentazzjoni s-Sur Robert Tabone hareg barra mill-kamra. Il-laqgha waqghet fi stadju ta’ kumitat fis-7.05pm. Wara din il-prezentazzjoni is-Segretarju Ezekuttiv Paula M. Valletta, harget sabiex il-Kumitat ikun jista jiddiskuti u jiddeciedi x’rati tal-performance bonus ser jinghataw il-haddiema.

Il-laqgha tkompliet fis-7:10pm. Is-Sindku Sarah Agius ipproponiet li dawn ghandhom ikunu r-rati ta’ performance bonus:

Robert S. Tabone: 6%

Graziella Facciol: 6%

Lona Lia: 6%

Josiette Zarb: 4.5%

Paula M. Valletta: 10%

Din il-proposta giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Din il-mozzjoni giet approvata unanimament. (59)

**5.** Vot tal-Flus

Is-Sindku Sarah Agius ressqet il-vot tal-flus ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Il-Kunsilliera Vernalise Bartolo astjeniet minn punti 2 u 7. Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena mill-vot tal-flus kollu.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Vernalise Bartolo, Clive Azzopardi, Chris Bongailas, Philip Said, Kevin Glynn, u George Cortis.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: Roderick Aquilina

Il-Vot tal-Flus gie approvat ( 60).

**6.** Aggornament

Il-laghqa ntemmet fit-8.15pm. Il-laqha li jmiss hija ghall-1 ta’ Frar 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |